MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1696/2002

**Avviz numru: 1696/02AE**

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Anthony Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u disghajn lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm193.98), in kwantu ghal Lm179.98 hlas relatat ma' tiswijiet li saru mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut u Lm14 imghax legali dovut fuq l-istess ammont.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas mija u disgha u sebghin lira Maltija u tmienja u disghajn centezmu (Lm179.98), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**